# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 13**

**Avviz. numru 647/97mm**

**Salvina Camilleri**

**vs**

**Ivan Tanti, Maria Camilleri u b'digriet tal-Qorti tal-15 ta' Dicembru 1997 gie kjamat fil-kawza Perit Jesmond Mugliett**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attrici fl-1 ta' April 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jaghmlu tajjeb ghad-danni kkawzati lill-attrici u jezegwixxu t-tiswijiet kollha mehtiega fil-fond taghha fuq indikat, liema danni kienu gew minnhom kkawzati meta minhabba imperizja, traskuragni u negligenza fil-kors tal-kostruzzjoni minnhom fil-fond taghhom adjacenti u kontigwu ghall-fond taghha msemmi, u li huma qed jirrifjutaw li jaghmlu skond il-ligi u s-sengha u l-arti. Il-Qorti hija mitluba li tawtorizza lill-attrici li, fin-nuqqas taghhom, taghmel hija t-

tiswijiet mehtiega a spejjez taghhom. Ghal fini tal-kompetenza jigi dikjarat illi dawn id-danni ma jeccedux il-valur ta'  hames mitt lira maltin (Lm500).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-27 ta' Dicembru 1996 u dik ufficjali tal-10 ta' Jannar 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, stante illi fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom, il-konvenuti ghamlu uzu tal-jedd taghhom ta' kostruzzjoni u xogholijiet relatati fil-qies li jmiss u bil-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja u m'ghandhom b'hekk l-ebda htija ghal xi hsarat fil-fond adjacenti tal-attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-digriet tal-15 ta' Dicembru 1997 fejn ordnat il-kjamat fil-kawza ta' l-Onorevoli Perit Jesmond Mugliett, notifikat fis-26 ta' Frar 1999.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Settembru 1997 fejn innominat lill-Perit AIC Albert Fenech bhala Tekniku, sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit AIC Albert Fenech ippresentata fit-23 ta' Marzu,2001 u mahlufa fis-6 ta' Gunju 2001.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi fit-23 ta' Awissu 1995 il-konvenut Ivan Tanti akkwista plot li jmiss ma' razzett antik ta' l-attrici. Tanti applika ghal permess tal-bini, izda sakemm inhareg dan il-permess inghata l-fakulta illi jhammel il-hamrija fil-plot li huwa akkwista. It-thammil beda f'Settembru jew Ottubru,1995 u minn hemm hekk l-attrici bdiet tilmenta minn perkolazzjoni ta' ilma tax-xita f'kamra illi kienet mibnija fir-razzett, liema kamra kellha s-saqaf tax-xorok bil-hnejjiet.

F'Mejju 1996 inhareg il-permess tal-bini u f'Gunju 1996 beda il-qtugh tal-blat. L-attrici mill-ewwel bdiet tilmenta illi b'dan il-qtugh kien qed ihoss il-bini taghha u kienet qed tirreferi partikolarment ghal din il-kamra li kienet vicin il-plot tal-konvenuti. Fil-11 ta' April 1996 u cioe' qabel ma beda l-qtugh tal-blat AIC Karmenu Vella kien gia ccertifika li l-fond ta' l-attrici garrab xi hsarat minhabba x-xoghol tat-thammil esegwit mill-konvenuti.

Il-konvenuti jidhru li assumew ir-responsabbilta' tal-hsara illi giet subita mill-attrici, liema hsara kienet tikkonsisti principalment fil-qtugh tax-xorok u tal-hnejjiet taghhom, ghalhekk biex jigu evitati aktar hsarat il-konvenuti a spejjez taghhom biddlu s-saqaf ta' din il-kamra u ghamluh tal-konkos. Ma jidhirx illi kien hemm ftehim

partikolari dwar x'kellu jsir aktar izda, kien ghad fadal xi jsir bhal tibjid, u trinek fil-hitan ghall-elettriku kif ukoll xi xogholijiet ohra. Ta' dawn l-attrici kienet qed tippretendi s-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira (Lm175) kif jidher mid-dokument SC 1 li huwa l-VAT receipt datat 13 ta' Marzu,1998.

Il-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu sab illi kien hemm certa mankanzi fil-provi li ngabu mill-attrici principalment li ma setghax jigi kkonstatat il-kondizzjoni li kien jinsab fiha s-saqaf tal-kamra nkwistjoni qabel ma nbeda t-thammil tal-plot tal-konvenuti. Lanqas ma setgha jigi konstatat il-hsara peress illi dina  giet irrangata meta tbiddlu x-xorok u tqieghed saqaf tal-konkos. Il-kuntrattur li hammel il-hamrija ma giex imsejjah fil-kawza u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni illi jiddeskrivi l-mizuri li ha biex jassigura li ma jkunx hemm perikolu ghal fond ta' l-attrici.

Minkejja li l-Perit Jesmond Mugliett gie kjamat fil-kawza dana ma ppresentax eccezzjonijiet ghat-talba ta' l-attrici pero' f'paragrafu 30 tar-relazzjoni tieghu, t-tekniku Albert Fenech ikkonkluda illi ma kien hemm l-ebda responsabbilta' fuq il-perit Jesmond Mugliett ghax-xoghol li kien qed jaghmel il-kuntrattur Konsu Busuttil meta kien qed ihaddem il-makkinarju tieghu. Irrizulta wkoll illi l-ebda wiehed mit-tlett periti li kienu raw il-hsara u setgha jitfa xi dawl fuq il-kaz ma xehed.

Kif jidher b'mod partikolari mill-kontentut tad-dokument SC 2, l-unika allegazzjoni li saret mill-attrici kienet bazikament rigwardanti l-mod kif sar it-thammil, izda provi partikolari dwar dan ma tressqux, pero' l-konsegwenzi tieghu kienu cari l-ghaliex

saret hsara fuq is-saqaf tal-kamra fil-fond ta' l-attrici, u filfatt giet irrangata permezz ta' tibdil ta' l-istess saqaf. Il-perit tekniku kkonkluda li min assuma r-responsabbilta' ghat-tibdil ta' dan is-saqaf kellu jassumi r-responsabbilta' wkoll ghat-tiswija ta' l-installazzjoni ta' l-elettriku nvoluta, t-tibjid u l-kisi mehtieg, pero' jidhirlu li l-ammont li kien qed jigi pretiz mill-attrici kien esagerat u t-tekniku ma dehrlux illi kellha tithallas aktar mis-somma ta' mitt lira (Lm100) u ghalhekk ikkonkluda li t-talba attrici kellha tkun milqugha limitatament ghal din l-ahhar cifra.

Ikkunsidrat:-

Illi stante n-natura teknika ta' dan il-kaz, il-Qorti ma jidhirlhiex li ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet u l-argumenti illi wasal ghalihom l-gharef perit tekniku. Il-Qorti ssib illi dawn l-argumenti huma logici u huma bazati fuq kriterji teknici li mhumiex kontrastati bi provi ohra. Ma hemmx dubbju illi x-xoghol illi sar mill-konvenuti affettwa hazin il-fond ta' l-attrici u li minhabba f'hekk saru xi hsarat. Il-konvenuti assumew ir-responsabbilta' ta' dawn il-hsarat meta sewwew parti minnhom, imma evidentement kif tajjeb ikkonkluda l-perit tekniku ma tistax issewwi parti u parti ohra tinjoraha. Ghalhekk il-Qorti jidhirlha illi ghandha tadotta bis-shieh ir-relazzjoni tat-tekniku Albert Fenech u tibbaza l-gudizzju taghha fuq il-konkluzzjoni raggunta illi l-attrici ghandha dritt tircievi c-cifra ta' mitt lira (Lm100) ghax-xogholijiet illi kien ghad fadal xi jsiru fil-kamra fir-razzett taghha. Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez peress li din il-kawza hija da likwidarsi, l-Qorti ma jidhirliex illi ghandha taghmel xi temperament fl-ispejjez meta tigi biex tikkonsidra dan il-kap.

Ghal dawn il-motivi.

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi, illi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta' mitt lira bhala danni (Lm100) li gew ikkawzati minnhom lill-istess attrici meta huma kienu qieghdin jahdmu fil-plot taghhom adjacenti u kontigwu ghal fond ta' l-istess attrici. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg